**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Wayne Delia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Wayne Delia ta' 29 sena bin Martin u Mandy Delia nee' Warner, imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru 1985 u joqghod fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew Farm House A, Vjal Santa Lucija, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 574785M;

Talli fit-8 ta' Dicembru 2012 f'hinijiet wara l-5pm, waqt li kien fit-Triq il-Hagar, Hal Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer;

1) Ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi-Fi (Stereo), CD's u/jew oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Maruti Omni numru tar-registrazzjoni BAE328 ghad-detriment ta' Herman Ceci u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi w zminijiet wara f'dawn il-gzejjer xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti msemmija li kienu gejjin minn serq ikkwalifikat lok, hin mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

3) U aktar talli rrenda ruhu recidiv.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-14 t'April 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261 b, (e)(f)(g), 263, 269, 270, 271g, 284, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal 3 snin skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' €100 lil Herman Ceci ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**